MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Numru 1003/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**EMANUEL BORG**
**JOSEPH FARRUGIA**
**MICHAEL ATTARD**
**CARMEL GATT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Borg, ta’ 60 sena, iben Rosario u Geralda nee’ Bilocca, imwieled Valletta fil-21 ta’ Dicembru 1945 u joqghod fil-fond 239, Flat2, Triq Haz-Zabbar, Fgura. Nru. ta’ l-Identita’: 11346M

Joseph Farrugia, ta’ 52 sena, iben John Mary u Theresa nee’ Desira, imwieled Gudja fid-9 ta’ Settembru 1954 u joqghod fil-fond ‘Casa Perena’, 33, Triq De Warsbergh, Gudja. Nru. ta’ l-Identita’: 682754M

Michael Attard, ta’ 43 sena, iben George u Judith nee’ Abela, imwieled Marsa fit-3 ta’ Novembru 1962 u joqghod fil-fond ‘Orchidea’, 61, Triq San Bartolomew, Qormi. Nru. ta’ l-Identita’: 681762M

Carmel Gatt, ta’ 43 sena, iben Carmel u Maria Teresa nee’ Pace, imwieled Zebbug fit-28 ta’ Novembru 1962 u joqghod fil-fond numru 203,Triq il-Kbira, Zebbug. Nru ta’ l-Identita’: 747762M

Gew akkuzati talli fid-19 ta’ Settembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel f’Has Saptan, limiti ta’ Hal Far, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. ikkommettew serq ta’ fuel, liema serq, li huwa ikkwalifikat bil-persuna, mezz, hin, u l-valur li jeccedi l-elf lira (Lm 1000) sar ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemaltau/jew persuni ohra;

2. xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe’ l-fuel , misruq, mehud b’qerq jew akkwistat b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahhlu bix ibieghuhom jew imexxuhom.

U aktar talli fid-19 ta’ Settembru 2006 ghall-habta tat-18:15 p.m. f’Has Saptan, limiti ta’ Hal Far, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe’ dak ta’ serq aggragat mill-Fuel Storage Installation ta’ l-Enemalta, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-persuna, mezz, hin u l-valur

li jeccedi l-elf lira (Lm 1000) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u/jew persuni ohra.

U aktar talli fid-19 ta’ Settembru, 2006, wara ntervent u tfittxija li saret mill-Ufficjali tal-Pulizija gewwa l-Enemalta Storage Installation f’Has Saptan, il-persuni fuq imsemmija, flimkien ma’ persuna ohra, bil-komplicita’ u/jew bil-koperazzjoni ta’ xulxin, sabiex jiksbu xi vantagg u/jew beneficcju ghalihom infushom u /jew ghal haddiehor, xjentement gew fil-pussess, u/jew xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu twarrib, depozt, habi u kif ukoll bil-garr ta’ 4000 litru aviation kerosene tat-tip Jet A1, bil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBL-587, u dan xjentement bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn dazji u taxxi li jkun imisshom jithallsu fuqu. Dan il-fuel, fuq imsemmi ghandu valur ta’ Lm662.27,0 dazju ta’ importazzjoni dovut ta’ Lm31.13,0 u wkoll dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur mizjud (Vat) li jammontaw ghal Lm570.80,0 u Lm227.56,0 rispettivament: Liema dazji u t-taxxa dovuta fuqu ma kienux gew imhallsa jew kawtelati

Wkoll talli fix-xhur ta’ qabel din id-data, fl-istess post u cirkostanzi l-imsemmija Emanuel Borg, Joseph Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt, l-erbgha flimkien, xjentement gew fil-pussess u sussegwentement iddisponew minn 20,000 litru minn dan l-istess xorta ta’ fuel, u dan xjentement bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn dazji u taxxi li jkun imisshom jithallsu fuqu

Din il-kwantita ta’ fuel kellha valur ta’ Lm3311.35,0 dazju ta’ importazzjoni dovut ta’ Lm155.63,0 kif ukoll dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur mizjud (Vat) li kienu jammontaw ghal Lm2854.00,0 u Lm1137.78,0 rispettivament, liema dazji u t-taxxa dovuta fuqu ma kienux gew imhallsa jew kawtelati

Dan bi ksur ta’ l-artikli:
60(a)(c)(d)(e)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1)(2) ta’ l-ordinanza tad-dwana Kap. 37, kif ukoll ta’ l-artikli 16(1)(j)(n), u 17(a)(b), Kap 382 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ l-artikolu 80 ta’ l-att dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud (att nru. XX111 ta’ l-1998).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 16 ta' Awwissu 2007 (Ara fol. 197 tal-Process) u nnutat li l-imputati kollha m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li Paul Scicluna, fis-Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006, ghan-nom u in rappresentanza tal-Kummissarju tal-Vat esebixxa letter to prosecute li giet markata bhala Dok SPV 1 u illi fl-istess Seduta Martin Debattista ghan-nom u in rappresentanza tal-Kontrollur tad-Dwana u esebixxa letter to prosecute datata
li giet markata bhala Dok DMK 1, nota ta' qbid li tirrigwarda l-erbat elef litru fuel li giet markata bhala Dok DMK 2 u kif ukoll nota ta' qbid ohra li tirrigwarda il-qbid tal-vettura ta' registrazzjoni EBL 587 li giet markata bhala Dok DMK 3.

L-Ispettur Raymond Cassar (Seduta tat-18 ta' Ottubru 2006) fejn dan ix-xhud qal: "Nghid illi fix-xahar ta' Gunju u Lulju tas-sena kurrenti 2006 kont ircevejt informazzjoni minghand is-Sur Anthony Rizzo li huwa Chief Executive Officer mal-Korporazzjoni Enemalta fejn dan kien qalli li hu kien ircieva telefonata u ma zvelax min kien infurmah li kienu qeghdin jitghabbew xi bowsers minn Has-Saptan fejn hemm l-istorage plant ta' l-Enemalta. Ahan dakinhar konna ghamilna surveilance fuq il-post. Fil-fatt hemmhekk kont bghatt diversi pulizija li ghaddew diversi iljieli fuq il-post pero' kien irrizultalna fin-negattiv. Kien fid-19 ta' Settembru 2006 u dan ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija (8pm) fejn l-imsemmi Sur Rizzo rega' infurmana li kien hemm xi bowsers li x'aktarx ser jitghabbew bil-fuel u huwa semma diesel mill-impjant ta' Hal-Saptan. Jien bghatt zewg karozzi tal-pulizija ui nghid illi fl-ewwel karozza kien hemm zewg pulizija u cioe' PC 80, PC 1337 u dawn waqt li jien kont sejjer fi triqni ghal-lok li semmejt gejt infurmat minnhom illi fi trejqa 'l boghod li qeghda kantuniera 'l boghod mill-impjant li tidhol minnha mill-main road ta' Hal-

Far kien hemm van Isuzu bir-registration number JBI 147 u fih kien hemm Nazzareno Abela u nghid illi dan l-istess van kien modifikat bhala bowser. Dan it-trakk jew van kien jidher li ma kienx mghobbi bi fuel jew b’xi likwidu iehor u jien imbaghad wasalt fuq il-post u meta jien staqsejt lil dan Abela x’kien qed jaghmel hemmhekk huwa qalli li kien qieghed jistenna wahda ghax kien qieghed miftiehem ma wahda hemmhekk. Il-verzjoni li ta ma tantx kienet konvincenti, fil-fatt jien hallejt zewg pulizija hemmhekk u waqt li jien kont hiereg mill-karozza go din it-trejqa rajt bowser iehor simili ghal dak li kellu Abela. Dan il-bowser kien bl-indicator mixghul u diehel go din it-trejqa. Konsegwentement il-karozza taghna tal-pulizija giet wicc ma wicc ma dan il-vann li kien diehel. Meta ra hekk id-driver rega’ hareg fil-main road izda ahna imbaghad ftit metri ‘l isfel ilhaqnieh u waqqafnieh. Dan it-trakk li kien tat-tip Toyota kellu registration number EBL 587 u kien ta’ kulur turqoise u kien misjuq minn Shawn Abela li jigi t-tifel ta’ Nazzareno Abela. Meta jien tkellimt ma dan Shawn Abela fuq il-post huwa fil-bidu kien qalli li hu kien hareg bit-trakk biex jaghti dawra t-trakk pero’ it-trakk kien jidher li kien mghobbi. Fil-fatt meta  jien imbaghad ergajt kellimtu lil dan Shawn Abela dan kien qalli li huwa kien ghadu kif gej minn Hal-Saptan. Jien dak il-hin ghajjatt ghal aktar units tal-pulizija u ahna dhalna fit-trejqa li taghti ghal Hal-Saptan. Inzid nghid illi dak il-hin bdew johorgu xi haddiema mill-kumpless ta’ Hal-Saptan u fosthom kien hemm Joseph Farrugia u Michael Attard li kienu bil-vetturi taghhom. Nghid illi dawn iz-zewg persuni qed naghrafhom fost l-imputati prezenti fl-Awla. Ahna imbaghad dhalna gewwa l-impjant fejn dak il-hin kien hemm l-imputat Emanuel Borg li qieghed naghrfu prezenti fl-Awla fost l-imputati li huwa kien security officer hemmhekk. Jien ukoll rajt lil Carmel Gatt li qieghed naghrfu wkoll prezenti fl-Awla bhala wiehed mill-imputati li kien qieghed faccata tal-watch room. Nghid illi l-persuni kollha li kien hemm hergin mill-kumpless u dehlin fil-kumpless gew mitkellma. Nghid illi imbaghad l-erba’ (4) imputati prezenti fl-Awla kienu ttiehdu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ahna dak il-hin spezzjonajna l-mina u nghid illi l-post fejn jinhazen il-fuel huwa maghmul minn diversi tankijiet. Fil-fatt nghid illi hemm madwar sittax-il tank (16). Kull tank huwa madwar

seba' mitt (700) pied tul u dawn jesghu bejn hmistax sa sittax-il elf (15,000 – 16,000) tunellata ta' fuel differenti. Meta ahna spezzjonajna fejn setgha jittiehed il-fuel kull ma sibna kien li minn tank numru 10 dak il-hin kellu fih diesel, fuel u t-tank kien tal-kumpanija Total u kellu xi leakage ta' fuel ma' l-art. Fil-fatt ahna nnutajna li d-drain cock ta' dan it-tank kien qed jaghmel hafna fuel. Inzid nghid illi l-mina hija diversi metri 'l isfel taht l-art u din ghandha zewg air locks, zewg bibien li huma zghar hafna fil-mina u dawn iz-zewg trakkijiet kemm it-trakk registration number JPI 147 u t-trakk EBL 587 jghaddu ezatt minn hemm. Jien imbaghad kellimt lill-imputati. Jien l-ewwel ma kellimt kien lil Emanuel Borg u wara li huwa inghata twissija skond il-ligi huwa irrilaxxja stqarrija liema stqarrija jien qieghed nesebixxi bhala Dok RCP 1. Rigwardanti din l-istqarrija li hija datata 20 ta' Settmebru 2006 nikkonferma li l-imputat Emanuel Borg li qieghed naghrfu prezenti fl-Awla fost l-imputati irrilaxxja din l-istqarrija wara li nghata twissija skond il-ligi. Qieghed naghraf il-firma tieghi, dik ta' PS 914 Ivan Mifsud kif ukoll ta' l-imputa Emanuel Borg li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. Inzid nghid illi l-imputat Borg qalilna illi l-kariga f'dak il-complex kien ta' secutiry officer, jahdem shift ta' tnax-il siegha (12) u kull three (3) months jinbidel il-post fejn ikunu watch. L-imputat Emanuel Borg mill-ewwel wera x-xewqa li jikkopera mal-pulizija, fil-fatt inzid nghid illi kellna persuna ohra arrestata jidhirli li jismu Frans Barbara li dan l-imputat Emanuel Borg rigward dan Frans Barbara qalilna li ma kellux x'jaqsam mal-bicca xoghol. L-imputat Borg qalilna li hu kien qed jigi mhallas erbghin lira (Lm40) ta' kull bowser fuel li jinhareg minn hemm gew u l-flus kien qieghed jircevihom minghand Michael Attard. L-imputat Borg zied jghidilna li z-zewg persuni l-ohra u cioe' Joseph Farrugia u Carmel Gatt kienu wkoll involuti f'dan is-serq u dan Borg zied jghidilna li kemm Michael Attard, kemm Joseph Farrugia u kemm ukoll Carmel Gatt kienu qeghdin jehduha in turns min itella' it-trakk mghobbi bil-fuel ghal fuq.

Qieghed nesebixxi stqarrija ulterjuri ta' l-imputat Emanuel Borg li qeghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok RCP 2.

Din l-istqarrija hija datata 21 ta' Settembru 2006. Nikkonferma li l-imputat Emanuel Borg li qed naghrfu prezenti fl-Awla inghata twissija skond il-ligi. Irrilaxxja din l-istqarrija u qed naghraf il-firma tieghi, dik ta' l-Ispettur Jeffrey Azzopardi kif ukoll ta' l-istess imputat Emanuel Borg li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. F'din l-istqarrija ulterjuri l-imputat Borg qalilna li kien hemm tlett (3) okkazjonijiet fejn kienu nsterqu l-fuel , dik tad-19 ta' Settembru 2006 fejn kien tghabba bowser wiehed biss u darbtejn ohra li kienu bejn xahar u xahar u nofs qabel id-19 ta' Settembru 2006 fejn darba minnhom kienu tghabbew erba' (4) bowsers u darb'ohra kien tghabba bowser wiehed biss. Zied jghidilna li darba minnhom kien ircieva minghand l-imputat Michael Attard is-somma ta' mija u sittin lira (Lm160) u dan peress li tghabbew erba' (4) bowsers. Jien imbaghad kellimt ukoll lill-imputat Joseph Farrugia li qed naghrfu prezenti fl-Awla. qieghed nesebixxi l-istqarrija tieghu li qeghda tigi eebita u mmarkata bhala Dok RCP 3 fejn dan wara li nghata s-solitu twissija rrilaxxja stqarrija riferibbilment ghal din l-istqarrija ta' l-imputat Joseph Farrugia li hija datata 20 ta' Settembru 2006 nikkonferma li l-imputat li qed naghrfu prezenti fl-Awla inghata twissija skond il-ligi. Qieghed naghraf il-firma tieghi, dik ta' PS 914 Ivan Mifsud kif ukoll ta' l-istess imputat Joseph Farrugia li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. F'din l-istqarrija l-imputat Joseph Farrugia huwa kien tana d-deskrizzjoni ta' kif kienet tinhadem il-bicca tal-fuel u cioe' min ikollu jgib il-bowser kien ihallih f'nofs it-trejqa u wiehed minnhom cioe' jew hu stess jew inkella Michael Attard jew Carmel Gatt kienu jmorru ghalih u cioe' ghal bowser, isuquh, idahhluh fl-impjant, inizzluh in-nizla, jimtela' il-bowser li jdum bejn hmistax sa ghoxrin minuta biex jimtela' u xi hadd jerga' jtellghu fil-post fejn ikun hallih l-individwu li jkun halla l-vann, cioe' l-persuna li tkun haditilhom l-vann. L-imputat Farrugia zied jghid li sid it-trakk ma jafux pero' zxied jghid illi l-contact person ta' dan il-business kien l-imputat Michael Attard, l-istess Michael Attard kellu kuntatt ma certu Klement Busuttil li huwa pensjonant u li kien jahdem fl-istess impjant xi sena u nofs qabel. Inzid nghid illi dakinhar tad-19 ta' Settembru 2006 ftit qabel ma gara dan

l-incident dan Klement Busuttil kien fuq il-post. Nghid illi l-imputat Farrugia zied jghidilna li l-fuel kien qed jittiehed minn pipe li jghidulu Piccadilly pero’ imbaghad wara dan kien qalilna li effettivament dan ma kienx qed jittiehed b’dan il-metodu pero’ kien qed jittiehed minn pipe line li l-cock tieghu kien quddiem it-tank numru 7. Inzid nghid illi dak il-hin li jittiehed il-fuel skond dak li kien qed jghidilna l-imputat Farrugia kien qed jigi ippumpjat fil-vapur u jimtela l-jet fuel f’tank numru 5. Joseph Farrugia zied jghidilna wkoll li kien hemm tlett (3) okkazzjonijiet b’kollox, ik tad-19 ta’ Settembru 2006 u zewg okkazjonijiet ohra fejn kienu tghabbew tlett (3) bowsers kull darba, fejnta’ kull bowser huwa kien jircieve mitt lira (Lm100) minghand l-imputat Michael Attard.

Qieghed nesebixxi bhala Dok RCP 4 stqarrija ta’ l-imputat Carmel Gatt liema stqarrija hija datata 20 ta’ Settembru 2006 u nzid nghid illi l-istess imputat Carmel Gatt qed naghrfu fost l-imputati l-ohra. Nghid illi l-imputat Carmel Gatt kien inghata twissija skond il-ligi. Qieghed naghraf il-firma tieghi dik ta’ l-Ispettur Jeffrey Azzopardi kif ukoll ta’ l-istess imputat Carmel Gatt li ghzel li jiffirma din l-istqarrija. Inzid nghid illi dawn il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. In kwantu ghall-istqarrija ta’ l-imputat Carmel Gatt li qeghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok RCP 4 nghid illi dan qalilna li z-zewg trakkijiet li ahna konna urejnieh fil-bitha u cioe’ it-trakkijiet bin-numru ta’ registrazzjoni rispettivament bhala EBL 587 u l-iehor registration number JBI 147 dwar dan hu qalilna li dawk iz-zewg trakkijiet kienu l-istess trakkijiet li kien jitghabba l-fuel fihom. L-imputat Gatt zied jghidilna li ma kienx jaf ghal min hu kien qieghed jixtri l-fuel u zied jghidilna li b’kollxo kien hemm tlett (3) okkazjonijiet cioe’ dik tad-19 ta’ Settembru 2006, okkazjoni ohra fejn kienu tghabbew tlett (3) bowsers u okkazjoni ohra fejn kienu tghabbew zewg bowsers. L-istess imputat Gatt zied jghidilna li ta’ kull bowser kien qed jircievi mitt lira (Lm100) u li dawn il-flus kien jghaddihomlu l-imputat Michael Attard. L-imputat Gatt zied jghidilna li dak il-hin li kien tghabba l-bowser fid-19 ta’ Settembru 2006 huwa kien qieghed f’parti ohra tal-mina, liema parti twassal minn Hal-Far sa Marsaxlokk. Inzid nghid kemm l-imputat Gatt u kemm l-imputat Farrugia

ahna konna hadniehom fuq il-post fejn huma kienu indikawlna minn fejn u cioe' mil-liema parti kien qed jigi mehud il-fuel.

Jien ukoll kellimt lill-imputat Michael Attard u rigwardanti dan l-imputat qed nesebixxi stqarrija ta' l-istess imputat li qed tigi esebita bhala Dok RCP 5 liema stqarrija ta' l-istess imputat Michael Attard li qed naghrfu prezenti fl-Awla hija datata 20 ta' Settembru 2006. L-imputat inghata twissija skond il-ligi. Qieghed naghraf il-firma tieghi, dik ta l-Ispettur Jeffrey Azzoppardi u nzid nghid illi l-imputat Michael Attard ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Dawn il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru f'din l-istqarrija. Din l-istqarrija l-imputat Michael Attard qalilna li huwa ghandu l-kariga ta' Technical Offiacer u huwa in charge mill-imputati l-ohra Joseph Farrugia u Carmel Gatt. Huwa zied jghidilna illi dawk iz-zewg bowsers u dan b'referenza ghat-trakkijiet JBI 147 u EBL 587 dawn kienu jintuzaw biex jingarr il-fuel minn Hal-Saptan ghal barra mill-impjant. L-imputat Michael Attard qal li ma kienx jaf ta' min huma dwn it-trakkijiet. Huwa dan Michael Attard zied jghid illi l-persuna li kienet ressqet fuqu biex jinsteraq il-fuel kien Klement Busuttil. L-imputat Attard zied jghid illi kien l-istess Busuttil illi kien jghaddilu il-flus rigwardanti kull bowser. Michael Attard ghall-ewwel kien qalilna li l-fuel kien jittiehed mill-istess Piccadilly u dan kif kien qalilna Joseph Farrugia originarjament u kien jintuza pipe trasparenti b'jubilee clip pero' inzid nghid illi imbaghad l-istess imputat Michael Attard irrilaxxja stqarrija ohra li qeghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok RCP 6 liema stqarrija hija datata 21 t'a Settembru 2006 u li fiha l-imputat kien inghata twissija skond il-ligi u li qed naghraf lill-istess imputat prezenti fl-Awla u wkoll nikkonferma li qed naghraf il-firma tieghi, dik ta' l-Ispettur Jeffrey Azzopardi kull fejn jidhru f'din l-istqarrija u l-imputat Michael Attard ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Rigwardanti din l-istqarrija ulterjuri ta' l-imsemmi imputat dan qal li l-fuel kien qieghed jitghabba minn linja li tinsab quddiem tank numru 7 liema linja hija l-parti ta' l-ahhar u li hija precisament il-parti li taghlaq. Huwa zied jghid illi l-fuel jitghabba minn hemm huwa jet fuel u kien jitghabba meta jitghabba vapur. Meta staqsejtu jekk kien  jaqa' xi spilage

<u>ta’ fuel huwa zied jghidli li l-fuel li kien jaqa’ meta tinqala’ il-manka kien jaqa’ go sump u hemm valve b’sump fejn ma tindunax. Huwa zied jighdilna illi l-fuel jittiehed minn hemm, jaqa fil-bracket tal-fuel li jintilef fit-trasportation u din tissejah trasportation loss. Michael Attard zied jghidilna li kien hemm tlett (3) okkazjonijiet ejn insteraq il-fuel; darba kien insterqu tlett (3) bowsers, darba zewg (2) bowsers u dik id-darba tad-19 ta’ Settembru 2006 kien insteraq bowser. Qed nirreferi insterqu bowsers fis-sens illi insteraq il-fuel bl-uzu ta’ dawn il-bowsers. U dan kien dejjem jet fuel.</u>” (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro ezami l-istess xhud qal: “Fuq domanda li qed issirli minn Dr Edwar Gatt ghall-imputat Carmel Gatt u cioe’ min kien qieghed jimporta dan il-fuel f’Malta nghid illi jien personalment ma nafx, hemm persuna ohra iktar kwalifikata li tista’ tirrisponda u li huwa Chief Executive Officer tal-Korporazzjoni Enemalta is-Sur Rizzo. In kwantu ghal fuel li insteraq fid-19 ta’ Settembru 2006 dan ghadu gewwa l-bowser liema bowser jinsab fid-Depot tal-Pulizija. In kwantu ghal fuel li kien insteraq fl-okkazjonijiet l-ohrajn dan kien allegatament xtrah Cancu Supreme Travel. Nghid illi in kwantu ghal vann illi hemm bil-fuel fih li jinsab id-Depot dan kien qieghed isuqu Shawn Abela li huwa iben Nazzareno Abela tac-Cancu Supreme Travel. Inzid nghid illi dwar dan il-kaz partikolari kont infurmajt lill-Magistrat ta’ l-Ghassa Dr Anthony Vella fejn dan ordna li ssir inkjesta u hatar diversi esperti.”

Anthony Rizzo li xehed fis-Seduta tat-18 ta’ Ottubru 2006, qal: “Jiena Kap Esekuttiv tal-Korporazzjoni Enemalta. Nixtieq nghid illi fi-19 ta’ Settembru 2006 u dan ghal habta tas-sebgha u nofs ta’ filghaxija (7.30pm) jien ircevejt telefonata fejn jien gejt infurmat li kient ser issir serqa minn Hal-Saptan u dan permezz ta’ bowsers kienu ser jinsterqu d-diesel. Din il-persuna li ghaddietli l-informazzjoni peress li kien diga’ ghaddietieli darb’ohra tlabt biex din ma twaqqaghnix tac-cajt ghaliex din kienet it-tieni darba biex hija tivverifika l-fatti u terga’ ccempilli hames minuti aktar tard beix tikkonferma. Hames minuti wara din il-peresuna regghet cemplitli u kkonfermatli li l-bowsers kienu telqu miz-Sejtun u kienu fi triqithom lejn

Hal-Saptan. Jien wara li rcevejt din it-telefonata cempilt id-Depot u kellimt lis-Supretendent Pierre Calleja li huwa kien diga’ jaf bil-kaz peress li kienu diga’ investigaw f’okkazjoni qabel u huwa qalli biex inhalli f’idejh. Jien ghidtlu li jien kont sejjer fuq il-post u kont sejjer niltaqa’ mal-pulizija hemmhekk. Wara din it-telefonata jien cempilt lill-Kap tal-Human Resources tal-Korporazzjoni Enemalta u jien ghidtlu biex jiltaqa’ mieghi fl-entratura ta’ Hal-Saptan u dan huwa Anthony Bonello. Peress li din kienet it-tieni okkazjoni u fl-ewwel okkazjoni li kellna ma kienx hemm informazzjoni ta’ xejn kien dahlilna dubju jekk din verament kienx qed jigri minn Hal-Saptan jew inkella mill-filling point li qieghed gewwa l-Gudja. Ghalhekk jiena ghaddejt minn quddiem il-filling point tal-Gudja u jien hemmhekk qghadt xi hames minuti biex nara jekk kienx hemm xi movimenti. Meta jien imbaghad accertajt ruhi li ma kienx hemm movimenti jien mort Hal-Saptan biex niltaqa’ mas-Sur Bonello. Jien imbaghad meta ltqajt mas-Sur Bonello gie fuqna l-Ispettur Raymond Cassar u huwa talabna stante li kienu ghaddejjin bl-investigazzjonijiet biex ahna nallontanaw ruhna minn hemm u ghalhekk ahna morna hdejn l-airport u bqajna nistennew hdejn l-airport. Wara li ghaddiet xi kwarta ghoxrin minuta jien cempilt ergajt lis-Supretendent Pierre Calleja fejn huwa qalli biex immur Hal-Saptan biex nitkellem ma’ l-Ispettur Raymond Cassar. Hemmhekk il-pulizija kienu qeghdin jaghmlu l-istharrig taghhom u jien hadt hsieb li nara nfittex replacements f’kaz illi jkun hemm xi arresti biex ix-xoghol ikun jista’ jibqa’ ghaddej. Nghid illi stante l-bieb li jaghti ghal Hal-Saptan huwa dejjaq u ghalhekk il-bowsers majistghux ikunu ta’ certu daqs u ghalhekk jien kien dahalli suspett u kont mort fil-filling point tal-Gudja ghax hemmhekk jidhlu bowsers ta’ daqsijiet kbar. Nixtieq nghid illi l-vetturi li jkunu jistghu jidhlu fil-kumpless ta’ Hal-Saptan iridu jkunu awtorizzati mill-Korporazzjoni biex jaccedu ghall-istess kumpless u jridu jkunu wkoll vetturi diesel u dan gha ragunijiet ta’ safety. Nghid illi l-fuel li jirrigwardja l-okkazjoni tad-19 ta’ Settembru 2006 dan kien tal-kumpanija Lukoil. Dawn jistorjaw il-fuel taghhom gewwa l-Enemalta.”

Fid-deposizzjoni li taha l-Ispettur Geoffrey Azzopardi fis-Seduta tal-24 ta' Novembru 2006 qal: "Naghmel referenza ghal dok RCP 2 li jinsab fil-process u li din hija stqarrija ta' l-imputat Emanuel Borg. Jien kont prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija. Qieghed naghraf l-imputat prezenti fl-Awla fost l-imputati l-ohra. Nikkonferma li qed naghraf il-firma tieghi, dik ta' l-Ispettur Raymond Cassar kif ukoll ta' l-imputat li dawn il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru f' din l-istqarrija. Inzid nghid ukoll din l-istqarrija ittiehdet volontarjament. Naghmel referenza ghal Dok RCP 4 li hija stqarrija ta' l-imputat Carmel Gatt li qieghed naghrfu prezenti fl-Awla fost l-imputati l-ohra prezenti fl-Awla.

Nikkonferma l-imputat inghata twissija skond il-Ligi u nikkonferma wkoll l-istqarrija inghatat volontarjament. Qieghed naghraf il-firma tieghi, ta' l-Ispettur Raymond Cassar u ta' l-imputat Carmel Gatt.

Naghmel ukoll referenza ghal dokument dok RCP 5 li hija stqarrija ta' l-imputat Michael Attard li naghrfu prezenti fl-Awla fost l-imputati l-ohra. Nikkonferma li dana l-imputat inghata twissija skond il-Ligi. Nikkonferma ukoll li din l-istqarrija inghatat b' mod volontarju. Qieghed naghraf il-firma tieghi, il-firma ta' l-Ispettur Raymond Cassar dawn kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija u nghid li l-imsemmi imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Naghmel referenza ukoll ghal dok RCP 6 li hija stqarrija ta' l-imputat Michael Attard li qieghed naghrfu prezenti fl-Awla Nikkonferma li dana l-imputat inghata twissija skond il-Ligi. Nikkonferma li din l-istqarrija giet irrilaxxjata b' mod volontarju. Qieghed naghraf il-firma tieghi, dik ta' l-Ispettur Raymond Cassar u nghid li l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Dawn il-firem qieghed naghrafhom kull fejn jidhru f' din l-istqarrija."

Fis-Seduta tal-24 ta' Novembru, 2006 xehed ukoll Robert Bugeja li esebixxa Process Verbal dwar serq ta' prodotti tal-pitrolju mill-impjant ta' Enemalta f' Has-Saptan limit ta' Hal Far skond rapport tal-Pulizija tad-19 ta' Settembru, 2006. Dan il-Process Verbal gie mmarkat bhala Dok RB1.

Fl-istess Seduta xehed ukoll PS 914 Ivan Mifsud li qal: “Nghid qed nigi muri d-dokument RCP 1. nikkonferma li dina stqarrija Emanuel Borg. Qed naghrfu fost l-imputati l-ohra. Nikkonferma li dina l-istqarrija dina nghatat volontarjament. Nikkonferma wkoll l-imsemmi imputat inghata twissija skond il-ligi. Qieghed naghraf il-firma tieghi, dik ta’, kif ukoll qed naghraf il-firma ta’ l-Ispettur Raymond Cassar u ta’ l-istess imputat li ghazel li jiffirma l-istess stqarrija. Dawna il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Qed nigi muri dokument dok RCP 3 li din hija stqarrija ta’ l-imputat Joseph Farrugia liema mputat qed naghrfu fost l-imputati l-ohra. Nikkonferma dina l-istqarrija inghatat b’ mod volontarju. Ukoll nikkonferma l-imsemmi imputat inghata twissija skond il-Ligi. Qed naghraf il-firma ta’ l-Ispettur Raymond Cassar, naghraf il-firma tieghi, kif ukoll ta’ l-imputat Joseph Farrugia li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. <u>Nixtieq nghid fil-21 ta’ Settembru ta’ din is-sena 2006 nghid erba’ mill-imputati, tlieta mill-imputati u cioe’ l-imputat Joseph Farrugia, Carmelo Gatt u Michael Attard ahna konna hadnihom fuq il-post. U dana cioe’ f’ Hal-Saptan. U dawna kienu urewna minn fejn kienu jigbdu d-diesel. Nixtieq nikkoregi ruhi urewna minn fejn kienu qeghdin jiehdu xi tip ta’ fuel. U dawna urewna li huma kienu qeghdin jigbdu dana t-tip ta’ fuel minn quddiem, kienu urewna minn tank li huwa mmarkat bhala numru 7 u cioe’ dawn kienu qed jigbdu l-fuel minn dana t-tank numru 7. Dana b’ referenza ghal dawn it-tlett imputati li semmejt.</u>” (Sottolinjar tal-Qorti)

Ix-xhud Philip Borg li xehed fis-Seduta tal-24 ta’ Novembru, 2006 qal: “Nghid li jiena rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta. Jiena Assistant Manager tal-petroleum division. L-ufficju tieghi huwa sitwat Birzebugia. Nghid illi taht ir-responsabilita’ tieghi jaqghu l-instalazzjonijiet tal-fuel u precizament is-segwenti dak ta’ Hal-Saptan, dak ta’ Birzebugia, dak ta’ Wied Dalam, ta’ Luqa Airport u dak ta’ Ras Hanzir. Nghid illi l-imputati prezenti fl-Awla nafhom. Nghid l-imputati Joseph Farrugia, Michael Farrugia u Carmelo Gatt huma impjegati tal-

Petroleum Division u dawn stazzjonati f' Hal-Saptan u precizament fl-operations Section. Nghid li l-imputat Emanuel Borg huwa Securtiy Guard ma l-Enemalta kollha u dana xoghlu bhala Security Guard huwa li jdur b' roaster. Pero' Nafu ghaliex gieli messu bhala duty fi stazzjonijiet tal-Petroleum Division. Nghid illi l-imputati Joseoh Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt hadmu taht id-divizjoni tieghi ghal aktar minn ghaxar snin.

Nghid l-imputat Michael Attard huwa technical Officer, mentri Carmel Gatt u Joseph Farrugia huwa plant operators. Nghid illi fis-19 ta' Settembru tas-sena kurrenti 2006 u dan ghal habta ta' xi tmienja ta' fil-ghaxija jiena kont id-dar u rcevejt telefonata minghand ic-Chief Executive Officer Engineer Anthony Rizzo fejn dana talabni biex nispjegalu fejn tinsab Gudja filling point. Nghid illi dina Gudja filling point hija parti mill-istallazzjoni ta' Hal-Saptan u li minnha jimtlew il-Bowsers. U dina qeghda stazzjonata l-Gudja. U jiena fuq it-telephone iggwidajt lil Engineer dwar fejn tinsab din l-installazzjoni. Inzid nghid illi xi nofs siegha wara jiena ergajt cempilt lil imsemmi Engineer biex nara jekk kienx sabha.

U jien fuq it-telephone iggwidajtu ta' l-ahhar fis-sens illi hu kien qieghed fil-Lokalita pero' ma kienx qieghed jaraha. Sa kemm kont qieghed mieghu fuq it-telephone sab il-Lokalita' ezatta. Lili kien qalli kliem m' hawn xejn. Pero' mbaghad l-istess Engineer ircieva telefonata minn fuq xi mobile li kellu u qalli min kien cempillu kien tal-Human resources Anthony Bonello u kien tah informazzjoni li fl-inhawi ta' Hal-Saptan il-Pulizija kienu qabdu xi bowser mghobbi bid-diesel li kien ghadu kemm ittiehed minn Hal-Saptan.

Dan id-diskors qaluli fuq it-telephone ic-Chief Executive Officer dwar dak li kien ghadu kemm intqal lilu fuq il-mobile l-iehor. Ic-chief Executive Officer qalli li hu kien sejjer imur Hal-Saptan. Qtajna t-telefonata u jiena dak il-hin biddilt u mort ukoll Hal-Saptan biex nara x' kien qed jigri. Meta wasalt fuq il-post kienu xi disgha neqes ghaxra ta' filghaxija. Jiena sibt prezenza qawwija ta' nies barranija li wara rrizultali li kienu Pulizija li ma kienux bl-

uniformi. Dawn kienu qeghdin jaghmlu azzjonijiet tal-Pulizija. Jiena gejt avvicinat mill-Pulizija biex naghti nformazzjoni dwar min kelli nies on duty u min kien qeghdin off duty. U n-nies li kienu on duty ghalfejn kienu on duty hemmhekk.

Wara kienu spjegawli kienu qabdu xi trukkijiet mimlija bil-fuel. Ahna dak il-hin konna qed nahsbu t-trukkijiet kienu mimlija bid-diesel u jiena dak il-hin lil Pulizija ghidtilhom li l-hatt li kien hemm kien hatt tal-pitrolju. Inzilna fil-Mina ta' hal-Saptan biex naraw minn fejn seta' tghabba dan il-fuel li ttiehed bit-trukkijiet. Pero' ma stajna niddentifikaw l-ebda post b' certezza. Pero' ghalkemm ahna rajna bhal vit li kien qieghed iqattar id-diesel. Issuspettajna li seta' kien minn hemmhekk. Ghalhekk ahna hadna kampjun minn got-tank minn fejn kien qed iqattar dan il-vit. Biss jiena stajt naqra d-densita' tieghu u dana kien Diesel. Jiena xtaqt li nqabblu ma dak li sabu fit-trukkijiet. U ghalhekk jiena mort mal-Pulizija fid-depot fejn kien hemm dawna t-trukkijiet li ttiehdu d-depot u jiena mbaghad hadt kamjun bhala sample minn dawn it-trukkijiet.

Ghalija mill-ewwel kien car li l-fuel kien differenti ghal kollox. Sample jiena hadt, jiena hadt sample wiehed minn truck wiehed u nghid illi jiena dak is-sample li hadt deherli li kien jixbah il-pitrolju. Kwantu ghat-truck l-iehor, it-truck l-iehor kien vojt. Nixtieq nippreciza li go Hal-Saptan jien kelli zewg tipi ta' Pitrolju u hawnhekk nixtieq nippreciza li l-Pitrolju huwa l-Jet Fuel u cioe' il-fuel tal-ajruplani.

Il-fuel li kelli jiena it-tnejn kienu ghal ajruplani. Wiehed kien qieghed, kont qieghed nircevih mill-vapur u diehel biex jitpogga, u kien qieghed jitpogga got-tankijiet. U l-fuel l-iehor ukoll ghal ajruplani kienu qieghed mahzun f' Wied Dalam u dana jghaddi minn gol-mini ta' Hal-Saptan u jispicca biex jibqa' tiela' ghal Ajruport Luqa. Nghid jiena imbaghad ridt niccekja biex daka l-fuel li jiena elevajt bhala sample minn gol-bowser mid-depot kienx gej bhala source minn dak li kien qieghed jigi mnizzel minn fuq il-vapur jew minn dak illi kien hemm mahzun f' Wied Dalam. U fil-fatt ghamilt hemm u l-indikazzjonijiet tieghi kienu cari

illi dan il-fuel li sibna f'dan il-bowser kien gej minn dak il-fuel li kien jigi, ihott il-vapur.

Pero' biex inkun zgur hadna kampjuni ohrajn. Dana hadna samples mill-pipe line lu kien ghaddej ghal Hal-Luqa, iehor li kien hemm minn gol-bowser li ghamilt referenza li jiena elevajt liema bowser kien id-depot u t-tielet wiehed, u l-iehor minn go tank li kien ghandu kemm hatt minnu l-vapur. U jien baghtu fil-laboratorju ta' Sajport f' Kalafrana u r-rizultati li hargu minn dan il-labotatorju ikkonfermaw ir-rizultati li kelli jiena u cioe' li dana l-fuel tal-ajruplani kien, li kien hemm fit-truck kien mehud mill-fuel illi kien qieghed jigi mnizzel mill-vapur li kien qed ihott. Ahna in kwantu ghal importazzjoni ta' fuel bil-vapur ikollna erba' figuri.

L-ewwel figura tkun dwar il-fattura, din tkun fuq il-fattura. U din tkun harget billi jikkalkulaw jew ikejlu, anzi jkejlu ta' kemm ikun hareg fuel mit-tank ta' refinery. Dik tkun il-fattura li ahna nkunu rridu nhallsu fuqha. It-tieni figura tkun imsejha is-ships figure u dana huwa, u dan jigi mkejjel il-volum tal-fuel li jkun dahal gol-vapur. Nghid l-ewwel figura u t-tieni figura qatt ma jaqblu. Il-vapur imbaghad jerga' jitkejjel at point of destination u cioe' fil-post se jkun se jhott. U din tissejjah ships figure at discharge port. Imbaghad jitkejlu t-tankijiet li l-vapur ikun hatt il-fuel go fihom.

Nghid illi dawn l-erba' figuri qatt ma jaqblu. Bhala figuri ahna jkollna dawn l-erba' figuri. Pero' kif ghidt illi dawna l-figuri bejniethom qatt ma jaqblu. Inzid nghid illi meta jigi inxurjat il-cargo li jkun se jingieb, u dan tinxurjah against lost. L-insurance tibda thallas meta taqbez il-point five per cent tal-fattura. Nghid rigwardanti dana l-kaz il-vapur in kwistjoni kellu inizzel cirka erbghin miljun litru ta' fuel li kellu jitnizzel kollu gewwa hal-Saptan. Nghid it-tankijiet li fihom jitpoggew il-fuel qeghdin taht il-kustodja tal-Korporazzjoni Enemalta. Nixtieq nghid illi rigwardanti dana l-vapur li gie dan kellu jimla l-hames tankijiet li ahna ghandna gewwa hal-Saptan liema l-hames tankijiet huma ghal Jet Fuel.

Ahna b'kollox f' Hal-Saptan ghandna 16 il-tank u dan il-vapur kellu jimla il-hamsa li huma dedikati ghal Jet Fuel. Nghid illi dana il-fuel li gieb dan il-vapur ma kienx ghal konsum lokali imma kien indirizzat ghal kumpanija Litasco. Il-fuel fil-fatt kien taghha. Nghid din il-kumpanija li ghamlet kienet kriet dawn il-hames tankijiet li semmejt minghandna."

Anthony Bonello xehed fis-Seduta tas-27 ta' Dicembru 2006 u qal: "Jiena Chief Officer fl-HR Human Resource fil-Korporazzjoni Enemalta. Nghid f' Settembru tas-sena kurrenti 2006 jiena kont fil-ghaxija ircevejt telefonata minghand ic-Chief Executive Officer tal-Enemalta Anthony Rizzo. Huwa kien infurmani biex jiena kelli mmur hal-Saptan. Hu qalli li kien se jigri xi haga mhux tas-soltu. Stante jiena kont ghadni gdid fil-korporazzjoni cempilt lill-Assistent Security Victor Incorvaja biex huwa jkun jista' jassistini. U morna fuq il-post. L-ewwel li ghamilna Hal-Saptan ghamilna riserva ta' zjut u pertol. Ahna sibna l-gate miftuha. L-Assistent Security li kien mieghi saqsa lil Security Officer li kien xoghol dakinhar ghaliex il-gate kienet miftuha u dana stante li mhux soltu li tkun hekk. U dana rrispondina s-Security Officer li kien qed jistenna xi xoghol gej.

Is-security Officer li kellimna jismu Emanuel Borg. Nixtieq nghid li dan qieghed naghrfu Emanuel Borg bhala wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla. Lil Imputat Emanuel Borg ghidnilu biex jghalaq il-gate u ahna hrigna l-barra. Qaghdna nistennew fil-limiti tat-triq biex naraw x' se jigri. Nghid illi imma mbaghad ma kien gara xejn. Nghid li mbaghad ircevejt telefonata ohra minghand ic-chief Executive Officer Rizzo li huwa nforma li l- Pulizija kienet qabdet xi nies igorru xi fuel. Imbaghad jiena kont dhalt hal-Saptan u assistejt lil Pulizija. Qieghed nesebixxi bhala dok BAD 1 dokumentazzjoni rigwardanti Emanuel Borg. Dina d-dokumentazzjoni hija d-dokumentazzjoni li tindika id-data ta' meta l-imsemmi Emanuel Borg dahal mal-korporazzjoni Enemalta, tindika wkoll is-salarju tieghu u nformazzjoni ohra. U hija, din id-dokumentazzjoni hija ffirmata minni. Qieghed nesebixxi bhala dok BAD 2 l-istess nota ta' nformazzjoni rigwardanti l-imputat Joseph

Farrugia. Qieghed nesebixxi wkoll nota kontenenti l-istess informazzjoni rigwardanti l-imputat Michael Attard li qeghda tigi esebita bhala dok BAD 3 u qieghed nesebixxi bhala dok BAD 4 nota ta' nformazzjoni rigwardanti l-imputat Carmel Gatt. Nikkonferma illi dawna d-dokumenti huma kollha minni ffirmati. Nghid illi fid-data tas-17 ta' Settembru 2006 l-imputati kollha dakinhar kienu xoghol Hal-Saptan. Pero' nixtieq nghid u hawn naghmel precisazzjoni li bhala xoghol l-erba' imputati huma assenjati Hal-Saptan pero' mhux necessarjament f' xi data partikolari kienu qeghdin xoghol hemmhekk ghax jista' jkun jintbaghtu post iehor. Ghaldaqstant in kwantu ghad-data specifika tas-19 ta' Settembru 2006 jiena ghidt li kienu assenjati Hal-Saptan fis-sens illi bhala xoghol b' mod in generali bhala xoghol huma Hal-Saptan, pero' ma nafx bhala fatt jekk dakinhar tas-19 ta' Settembru 2006 kellhomx ikunu xoghol x' imkien iehor jew le. Jiena m' hiniex il-persuna idonea biex nirrispondi dwar id-dati specifici fejn ikunu assenjati il-personali taghna ghaliex dan hemm l-operations Manager li ghandu dan l-inkarigu. Jiena zgur nista' nikkonferma li l-imputati kollha fis-19 ta' Settembru 2006 kienu kollha impjegati mal-Korporazzjoni Enemalta.

U nghid pero' dawna l-imputati kien ilhom impjegati maghna u f' dan ir-referenza, ghar-rigward naghmel referenza ghad-dokumentazzjoni li esebejt illum. Jiena dakinhar tas-19, fid-data tas-19 ta' Settembru 2006 bhala mill-imputati xtrajt dakinhar jiena kont rajt lill-imputat Emanuel Borg. U iehor mill-imputati wkoll li rajtu dakinhar li qieghed nigi nfurmat li huwa l-imputat Carmel Gatt. Dawn iz-zewg imputati Emanuel Borg u Carmel Gatt rajthom dakinhar Hal-Saptan. L-imputat Carmel Gatt dakinhar kont rajtu hdejn il-kamra tas-security."

Ix-xhud Philip Borg li xehed fis-Seduta tal-31 ta' Jannar 2007 qal: "Qieghed f'posizzjoni illi in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta nesebixxi s-segwenti dokumentazzjoni. Dan huwa dokument li juri min kien xoghol fit-18 u fid-19 ta' Settembru tas-sena 2006 u dan id-dokument jinkludi kemm l-operations staff kif ukoll il-maintanance staff u wkoll jinkludi s-security guards. Dan

vuoldieri in-nies kollha li kellna xoghol. Dan id-dokument qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok EPB 1."

PC 18 Christian Mifsud li xehed fis-Seduta tal-31 ta' Jannar 2007 qal: "Nghid illi fid-19 ta' Settembru tas-sena 2006 jien flimkien mal-kollega tieghi PC 1337 Kevin Curmi li huwa bhali stazzjonat is-CID gejna infurmati mill-Ispettur Raymond Cassar biex ahna mmorru fit-Triq ta' Hal-Saptan ghaliex x'aktarx kien qed isir xi serq ta' fuel u ahna kellna l-kompitu biex naraw kienx hemm xi bowsers hergin mill-complex ta' Hal-Saptan. Ahna mill-ewwel morna fuq il-post. Inzid nghid illi triq qabel id-dahla ta' Hal-Saptan ahna nnutajna vann ipparkjat. Ahna dhalna fuqu u kellimna lil certu Nazzareno Abela li kien ix-xufier ta' dan il-vann, staqsejnieh x'kien qed jaghmel hemm u dan qalilna li kien qed jistenna l-girlfriend. Jien gieni suspett mill-vann u ghalhekk iccekjajt il-vann u dan kien vann Isuzu u dan kellu injam gholi mad-dawra tal-kabina. Dan il-vann kellu registration number JBI 147. Jien tlajt fuq il-kaxxa tal-vann li kienet kaxxa tal-metall, ftaht din il-kaxxa u nnutajt li ghalkemm kienet vojta kien hemm riha qawwija ta' fuel. Dak il-hin jien u l-kollega tieghi infurmajna lill-Ispettur Raymond Cassar biex jigi fuq il-post, dan kien fl-inhawi u dan gie fuq il-post. Meta l-Ispettur Raymond Cassar kien qieghed ikellem lil dan ix-xufier u konna prezenti ahna hdejh innutajna li kien niezel vann iehor simili ghal dak li waqqafna u l-Ispettur Raymond Cassar mar wara dan il-vann l-iehor li kien qed isuq biex iwaqqfu, waqqfu imbaghad wara li waqqaf dan il-vann ahna morna fil-kumpless innifsu ta' Hal-Saptan u hemmhekk inghatajna struzzjonijiet li n-nies li kienu dehlin fil-kumpless ta' Hal-Saptan inwaqqfuhom u n-nies li kienu qeghdin gewwa ma nhalluhomx johorgu barra. Imbaghad ahna dhalna gewwa l-kumpless ta' Hal-Saptan u l-ufficjali tal-Pulizija s-superjuri taghna bdew l-investigazzjonijiet taghhom."

PC 1337 Kevin Curmi li ukoll xehed fis-Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007 qal: "Nghid illi jien flimkien mal-kollega tieghi PC 18 Christian Mifsud li huwa wkoll mas-CID gejna msejha mill-Ispettur Raymond Cassar sabiex fid-19 ta' Seettembru 2006 ahna mmorru hdejn il-kumpless ta' l-Enemalta Hal-Saptan u nghid illi kif wasalna fiz-zona ftit

qabel l-entratura ta’ Hal-Saptan ahna nnutajna vann li kellu persuna go fih. Meta kellimna lix-xufier dan identifika ruhu bhala Nazzareno Abela u meta staqsejnieh x’kien qed jaghmel f’dak il-post dak il-hin huwa qalilna li kien qed jistenna mara. Ahna stante li kellna informazzjoni li kien qieghed isir serq ta’ fuel fiz-zona infurmajna b’dan lill-Ispettur Raymond Cassar fejn l-Ispettur gie fuq il-post u l-persuna giet mghoddija lill-Ispettur Raymond Cassar. Ftit tal-hin wara ahna morna hdejn l-entratura fejn jdihlu l-karozzi fid-depot tal-fuel fejn ahna inghatajna struzzjonijiet li kull karozza li tkun diehla jew hierga f’dan id-depot ahna nwaqqfuha. Wara certu hin u wara li konna zammejna certu ammont ta’ karozzi ahna, l-kollegi tieghi l-pulizija dhalna kollha fid-depot tal-fuel. Nghid illi meta ahna konna ghadna hejn il-vann li semmejt twaqqaf vann iehor liema vann kien simili ghal vann li waqqafna ahna u dan il-vann kien misjuq minn Shaun Abela li jigi iben id-driver li ahna waqqafna u cioe’ lil Nazzareno Abela. Nixtieq nghid illi l-vann ta’ Nazzareno Abela kien vojt pero’ l-vann l-iehor li twaqqaf mill-kollegi taghna kien mimli bil-fuel. Nixtieq nghid illi mill-imputati prezenti fl-Awla qieghed naghraf wiehed mill-imputati li qed jigi riferut lili mill-prosekuzzjoni bhala l-imputat Joseph Farrugia u nghid illi dan ahna konna waqqafnieh meta ahna konna qeghdin ghassa mal-entratura tad-depot ta’ Hal-Saptan u dan waqqafnieh meta huwa kien qieghed hiereg mill-istess depot. Qieghed naghraf ukoll lil Emanuel Borg fost l-imputati li dan nghid illi dakinhar kien qieghed bhala security mal-gate ta’ Hal-Saptan.”

F’dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-Verbal tas-Seduta tas-17 ta’ April, 2007 fejn l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Geoffrey Azzopardi ghall-Prosekuzzjoni u Dr Chris Busietta ghall-imputati Emanuel Borg u Joseph Farrugia, Dr Matthew Brincat ghall-imputat Michael Attard u Dr Edward Gatt ghall-imputat Carmel Gatt iddikjaraw li qeghdin jaqblu li nkwantu ghall-vetturi numru tar-registrazzjoni JBI-147 u EBL-587 li huma t-tnejn trakkijiet, bhala kapacita’ ta’ fuel fit-tankijiet rispettivi taghhom izommu 4000 litru f’kull tank. Iddikjaraw ukoll li jaqblu li dawn iz-zewg vetturi ma jappartjenux lil xi hadd mill-imputati.

Ix-xhud Anthony Camilleri, prodott mid-difiza, li xehed fis-Seduta tad-19 ta’ Novembru, 2007, qal: “Nghid illi jiena ix-xoghol tieghi mal-Korporazzjoni Enemalta hija Petroleum Stock controller. Nghid illi jiena bazikament xogholi huwa li niehu hsieb il-prodott kollu li jidhol u li johrog mill-istallazzjoni taghna Hal-Saptan. Dan ix-xoghol ilhi naghmlu ghal dawn l-ahhar erbatax -il sena. Nikkonferma li fid-data tas-19 ta’ Settembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel jien kont naghmel dan ix-xoghol. Gewwa Hal-Saptan jinhaznu gas oil, jet A1, EM 5 90 li huwa tip ta’ diesel u unleaded gasoline. Nghid dawn id-diversi fuels li jinhaznu gewwa hal-Saptan jappartjeni lil Enemalta u ohrajn ukoll jappartjenu lil haddiehor. Nghid illi l-fuel jasal fl-istorage tanks ta’ Hal-Saptan billi l-ewwel jaslu bil-vapuri imbaghad jinhattu through pipe line ghal go l-istallazzjoni ta’ hal-Saptan. Nghid illi kif diga’ spjegajt in kwantu ghal inkarigu tieghi li nara x’jidhol u johrog bhala fuel gewwa hal-Saptan jiena rrid naghti rendikont lil Manager Philip Borg u lil executive Officer Manuel Mizzi. Tramite xogholi minhabba n-natura tax-xoghol tieghi dwar dan il-kaz li qieghed nixhed illum jien smajt dwaru.

Qed nigi mistoqsi jekk jiena tajtx rendikont dwar il-fuel li allegatament naqas rigwardanti dan il-kaz nghid jiena ma tajtx rendikont. Nghid fil-fatt lili ma talbuniex biex naghti rendikont. Nghid precizament il-funzjoni tieghi huwa illi jiena ninghata rendikont dwar il-volum li jkun hemm fuq il-vapur biex jien imbaghad inkun nista’ nqassmu fl-ispazju tat-tankijiet li jkolli available. Jiena nghid illi jiena imbaghad ir-reading ta’ xi jkun dahal ikun precizament dak li jkun wiehed jista’ jara wara li jkun spicca jhott il-vapur. Nixtieq nghid illi l-kaz mertu ta’ din il-kawza allegatament sehh meta l-vapur kien qieghed ihott u imbaghad il-vapur spicca hatt. Ghaldaqstant qed nigi mistoqsi mill-Avukati Difensuri illi allura jiena meta allura spicca jhott il-vapur rigwardanti dan il-kaz, ir-records ta’ l-estimi tar-rapport illi suppost kellu jhott il-vapur kienux jaqblu ma’ dawk illi effettivament spicca illi ahna, spiccaw gewwa t-tankijiet taghna kien, bhala reading konna qrib ma’ l-ammont li l-vapur kellu jnizzel ghal ma’ l-ammont illi effettivament nizzel.

Nixtieq nghid illi bhala prattika l-korporazzjoni Enemalta taghmel allowance ghal varjazzjonijiet fl-ammonti ta' kemm ikun suppost nizzel il-vapur u ta' kemm effettivament inkunu ircevejna ahna fuel. U nghid illi kien hemm okkazzjonijiet fejn kien hemm varjazzjonijiet kbar. Nghid illi l-fuel mertu ta' dan il-kaz kien jappartjeni lil kumpanija Russa li jisimha l-Itasco.

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: "Jhidirli li rigwardanti dan il-kaz l-ammont ta' fuel li kellu jnizzel dan il-vapur kien ta' hamsa u ghoxrin elf tunellata fuel. Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur Jeffrey Azzopardi f' kaz allura illi jkun hemm nieqes l-ammont ta' erba ta' elf litru komparat mal-hamsa u ghoxrin elf tunellata li jiena semmejt illi kellu jnizzel il-vapur dana nqisux bhala persentagg zghir, jiena nqisu bhala persentagg zghir. Nghid jiena ghandi l-facilita' li nkejjel in kwantu ghal fuel li nkun dahhalt got-tank sa kull millimetru. Qed nigi mistoqsi mill-istess Ufficjal Prosekutur allura kull millimetru li jkun hemm gewwa tank kemm iffisser f' literagg nghid dana jiddependi skond liema livell ikun it-tank. Dana peress illi t-tank ikun f' forma ta' sigarru dana jiddependi f' liema livell ikun it-tant, jew liema tank ghaliex it-tankijiet mhux kollha l-istess qis.

Nghid illi meta l-vapur ikun rabat illi imbaghad jghodd effettivament kemm fuel ikollu li huwa ha jkun sejjer inizzel. Nixtieq nghid fuq domanda li qed issirli li f' kaz illi l-fuel ikun qieghed jigi dowmlodjat mill-vapur u diehel gol-pipe line biex jidhol got-tankijiet taghna jekk kemm -il darba dak il-hin ikun qieghed isir serq, jekk jiena inkun qieghed prezenti fil-main room allura dana jien nista' ninduna. Nghid illi dakinhar pero' jiena, dakinhar tal-kaz mertu ta' din il-kawza jiena kont hrigt kmieni. Inzid nghid ukoll, nghid il-valvi mal-pompi u max-xoghol kollu nghid ukoll ikun hemm sigilli tad-Dwana.

Nghid illi jiena bhala store keeper ninduna illi jkun hemm serq meta l-livell tal-fuel gewwa t-tank jonqos u ma jkunx hemm raguni bhal dislivell fit-temperatura allura nghid illi jista' jkun kaz ta' serq. Nghid jien bhala esperjenza

personali, qatt jiena personalment ma sibt kaz ta' serq. Nghid illi jiena f'kaz illi il-fuel ikun ghadu niezel minn fuq il-vapur u jkun ghadu ma dahalx fit-tank u jkun qieghed jinsteraq mill-linja u jiena ma nkunx prezenti allura jiena ma nindunax li jkun qed isir serq. Nghid illi jiena f' kaz illi ma nkunx qieghed hemmhekk pero' wara imbaghad nidhol u insib sigilli maqtughin imbaghad inkun nista' ninduna li jkun sar serq."

In ri ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qal:

"Rigwardanti l-kaz mertu ta' dan il-kaz nghid bejn l-ammont illi tnizzel mill-vapur u l-ammont illi nieqes, nghid il-livell kien qrib bejniethom. U nghid illi dan il-livell jaqa' fil-parametri ta' dak li l-Enemalta taghmel bla allowance bhala telf ta' fuel. Nghid in kwantu ghal ammont illi wiehed ikun ordna biex jigi moghti l-fuel tramite vapur u l-ammont illi jkun effettivament ircieva bhala allowance li taccetta l-korporazzjoni Enemalta ta' diskrepanza huwa ta' 0.05 per cent. Nghid illi in kwantu ghal fuel illi imbaghad effettivament nizel fit-tankijiet taghna rigwardanti id-data tas-19 ta' Settembru 2006 nghid in kwantu d-diskrepanza, jiena jhidirli illi d-diskrepanza ta' l-ammont li spicca got-tank ghal dak illi nizzel il-vapur kienet jhidirli fl-ammont ta' persentagg li huwa accettabli u cioe' tal-persentagg taz-0.05 per cent. Pero'dana nghidu illi jiena, qed nghidu bhala fatt li jhidirli ghax m' hiniex cert."

F'dan l-istadju taghmel referenza ghall-Verbal tas-Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010 fejn l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Cassar iddikjara li wara verifiki li ghamel mar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana qieghed f'posizzjoni li jiddikjara s-segwenti u cioe' illi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBL 587 kif ukoll l-erbat elef (4000) litru ta' aviation fuel li jirrigwardaw dan il-kaz diga' gew konfiskati fuq agreement li sar fl-10 ta' Marzu, 2009 wara ftehim mal-Kontrollur tad-Dwana Shawn Abela. L-istess Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Cassar zied jghid l-imsemmija vettura rigwardanti l-kaz odjern kienet giet misjuqa minn Shawn Abela li mhux imputat fil-kaz odjern. Ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur jiddikjara li f'kaz ta' htija m'hemmx lok f'din il-kawza ta' konfiska ta'

l-imsemmija vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBL 587 u l-imsemmi fuel.

Il-Qorti tirrileva li, a tempo vergine, l-imputati rrilaxxaw stqarrijiet li minn ezami ta' dawn l-istqarrijiet jemergi bl-aktar mod car il-konvolgiment tal-imputati rigwardanti dan il-kaz. (Ara Dok. RCP1, Dok. RCP2, Dok. RCP3, Dok. RCP4, Dok. RCP5 u Dok. RCP6). Illi f'dan il-kaz l-imputati ma xehdux izda irrilaxxjaw stqarrijiet mehuda a tempo vergine tal-investigazzjoni. Dawn l-istqarrijiet ma gewx kontestati f'dawn il-proceduri.

Rigward it-tieni (2) akkuza migjuba kontra l-imputati kollha, liema akkuza tirrigwarda r-reat tar-ricettazzjoni, il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-atti processwali, evidentement din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati kollha li tirrigwarda serq aggravat u ghaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni (2) akkuza fil-konfront tal-imputati kollha.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputati kollha l-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata kif dedotta stante li ma' tirrizultax mill-provi prodotti <u>valutazzjoni ezatta</u> rikjesta ghal fini tas-sussistenza ta' din l-ahhar akkuza li jirrigwarda l-ammont ta' fuel misruq qabel id-data tad-19 ta' Settembru, 2006. Hawn il-Qorti pero' taghmilha cara li l-aggravju tal-valur moghti fl-ewwel akkuza jirrizulta ippruvat tenut kont dak li qalu uhud mill-imputati fl-istqarrijiet taghhom dwar id-drabi li sar serq qabel dak li sehh fid-19 ta' Settembru, 2006.

Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuzi kollha salv it-tieni (2) akkuza u l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputati kollha jirrizultaw sodisfacentement ippruvati fil-konfront tal-imputati kollha.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' 17, 18, 31, 41 (1)(a), 261(b)(c)(d)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 278, 279(b), 280, 281, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 16(i)(j)(n) u 17(a) u (b) tal-Kap. 382, l-artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur

Mizjud u l-artikolu 60(a)(c)(d)(e)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69(1)(2) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ssib lill-imputati Emanuel Borg, Joseph Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ghat-tieni akkuza li tirrigwarda serq aggravat u tal-ahhar akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-istess imputati, tikkundanna lill-imputati Emanuel Borg, Joseph Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija kull wiehed u inoltre tikkundanna lill-istess imputati Emanuel Borg, Joseph Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt ghall-piena ta' erbat elef u tlett mitt Euro (Euro 4,300) multa kull wiehed mill-liema multa l-ammont ta' elf erba' mija u tnejn Euro u tnax il-centezmi ta' Euro (Euro 1402.12) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputati Emanuel Borg, Joseph Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati kollha stante li mill-provi prodotti jirrizulta li evidentement din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija tieni (2) akkuza u dan fil-konfront tal-imputati kollha.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputati kollha fid-dawl ta' dak dikjarat minn din il-Qorti aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-imputati Emanuel Borg, Joseph Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt minn din l-imsemmija l-ahhar akkuza stante li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata kif dedotta.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati kollha sabiex fi zmien erba' (4) xhur millum ihallsu fi kwoti divizi indaqs bejniethom lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tmien mija u ghoxrin

Euro u wiehed u tmenin centezmi ta’ Euro (Euro 820.81) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti mahtura fl-Inkjesta li l-Process Verbal taghha jinsab esebit f’din il-kawza bhala Dok. RB1.

Il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Raymond Cassar fil-Verbal tas-Seduta tal-15 ta’ Gunju, 2010 kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBL 587 u l-erbat elef (4000) litru ta’ aviation fuel.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Emanuel Borg, Joseph Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------